20 ta' Lulju, 1951.

Imhallef:

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Consiglia Dalli *versus* Tessie Cassar**

**Appell — Provokazzjoni — Art. 425 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-kwerelant jista' jappella mis-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati fuq il-motiv li l-Maġistrat għamel interpretazzjoni ħażina tal-liġi meta applikaha għall-fatti.*

*Il-fatt li l-Maġistrat ikun illibera lill-kwerelat għax irritjena li kien hemm provokazzjoni min-naħa tal-kwerelant jikkostitwixxi punt ta' dritt li jirrendi s-sentenza appellabili mill-kwerelant.*

Il-Qorti, — Rat il-kwerela ta' Consiglia Dalli kontra Tessie Cassar, li dina, fis-26 ta' April 1951, f'tas-Sliema, użat "vie di fatto" kontra tagħha;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta fis-17 ta' Mejju 1951, li biha l-imsemmija Tessie Cassar ġiet liberata, bl-ispejjeż; billi dik il-Qorti rriteniet illi l-istess Tessie Cassar għarfet u tat bis-sieq lill-kwerelanti wara li din qaltilha li żewġha kien xeban minnha u qabditha biex titfagħha 'l barra;

Rat ir-rikors tal-kwerelanti, li bih interponiet appell lil din il-Qorti kontra s-sentenza fuq imsemmija, fuq il-motiv li l-Ewwel Qorti ammettiet il-kompensazzjoni bejn l-ingurji da parti waħda u l-"vie di fatto" minn naħa l-oħra;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, sollevata mill-kwerelata;

Illi, milli jidher, l-Ewwel Qorti lliberat lill-kwerelata għaliex irriteniet li ġiet pruvata l-provokazzjoni da parti tal-kwerelanti; u dina għalhekk qiegħda tagħmel dan l-appell taħt id-dispożizzjoni ta' l-art. 425 (1) (b) (iv) (i), billi tippretendi illi l-provokazzjoni da parti tal-kwerelanti, jekk qatt

kien hemm dik il-provokazzjoni, ma għandhiex skond il-liġi twassal għal-liberazzjoni tal-kwerelata, u għalhekk il-Maġistrat għamel interpretazzjoni ħażina tal-liġi meta applikaha għall-fatti kif ġew pruvati; f'liema każ il-kwerelanti, skond ġurisprudenza kostanti, jista' jappella mis-sentenza tal-Qorti tal-Pulizija Gudizzjarja taħt id-dispożizzjoni ta' l-artikolu fuq imsemmi, għaliex f'dan il-każ il-pont sollevat fl-appell ikun in realtà pont ta' dritt, u l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi għandha tittieħed li tfisser, fl-effett tagħha, illi, fil-waqt li ma hemmx appell fuq kwistjoni ta' fatt, jista' jkun hemm appell fuq kwistjoni ta' dritt;

Għaldaqstant tiċħad l-eċċezzjoni u tiddikjara validu l-appell; u tordna li l-kawża tiġi trattata fil-meritu.